MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2003

Avvi$Z Numru. 196/2003

**Kevin Mallia**

**Vs**

**Joe Mallia**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn Lira Maltin (Lm2,000.00) ammont rapprezentanti import ta’ kambjala, regolarment skaduta u dovuta, li baqghet ma thallsitx minkejja diversi interpellazzjonijiet lill-konvenut maghmula.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri interpellatorji datati 8 ta’ Marzu 2001 u 3 ta’Gunju 2002, u nteressi legali mid-data ta’ l-iskadenza tal-kambjala msemmija sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat li ma gietx esebita mal-atti, l-kambjala in kwistjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-20 ta' Mejju 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur s-somma ta' Lm2,000.00,0 bl-imghax legali mill-erbgha (4) ta’ April 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri interpellatojri tat-8 ta’ Marzu 2001 u tat-3 ta’ Gunju 2002.

--------------------------------TMIEM--------------------------------